MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Rikors Numru. 233/2014

Helen **CAMILLERI**

vs

Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw il-wirt battal tal-mejjet Dun Luiġi **CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Anna Maria Grech, Rita Farruġia, Reginald *sive* Aldo Camilleri, Filippa sive Phyllis Catania, Mario Camilleri, Joseph Camilleri, Paul Camilleri, Dorothy Camilleri, Carmelo Galea u Doris Galea fl-20 ta' Marzu, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti (i) tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ),(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;  (ii) f'kull każ, tħassar f'parti minnu l-imsemmi Mandat billi jitnaqqas l-ammont kawtelat għal somma li l-Qorti jidhrilha xierqa w opportuna; u (iii) f'kull każ,  tikkundanna lill-imsemmija intimata eżekutanti tħallashom penali kif maħsub fl-artikolu 836(8)(ċ) u (d) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutati;

Rat in-Nota mressqa mill-intimata eżekutanti fit-2 ta' April, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin, laqgħet għat-talba tal-eżekutati billi, b'mod preliminari, qalet li jonqos fl-eżekutati l-*locus standi*, ladarba ma għad hemm ebda degriet minn xi qorti li juri li huma tabilħaqq il-werrieta ta' Dun Alwiġ Camilleri u lanqas xi degriet li bih huma ddaħħlu fil-proċedura minflok il-Kuraturi Deputati li nħatru biex jidhru għall-imsemmi wirt.  Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-ewwel talba tal-eżekutati hija msejsa fuq dispożizzjonijiet ta' liġi li ma jeżistux.  F'kull każ, lanqas li kieku t-talba kienet mibnija fuq dispożizzjonijiet li jeżistu ma kienx hemm raġunijiet tajba biex il-Mandat maħruġ minnha jitħassar.  Dwar it-tieni talba biex jitnaqqas l-ammont kawtelat, hija tgħid li ma hemm l-ebda artikolu tal-liġi li jagħti lil qorti s-setgħa li tagħti rimedju bħal dak.  Filwaqt

li temmet tgħid li lanqas dwar it-tielet talba tal-eżekutati ma nġabu raġunijiet tajbin biex din il-Qorti tista' timponilha l-kundanna tal-ħlas lilhom tal-penali mitluba;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju jew, tal-anqas, għat-tnaqqis tas-somma kawtelata. Minbarra dan, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimata eżekutanti biex tħallashom penali skond l-artikolu 836(8);

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li l-intimata għandha pretensjonijiet dwar ħwejjeġ li kienu jinsabu fid-dar tas-Saċerdot Dun Luiġi Camilleri u dwar serviġi li hija tgħid li għamlet miegħu għal żmien twil qabel mewtu. Dun Luiġi Camileri miet intestat fl-1 ta' Settembru,

2013. Ir-rikorrenti huma fost il-qraba tiegħu u jirrappreżentaw bejniethom tnejn minn tliet ($^2/_3$) ishma mhux maqsuma tal-wirt tiegħu;

Illi fl-4 ta' Novembru, 2013, l-intimata eżekutanti talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra kuraturi deputati rappreżentanti l-wirt battal ta' Dun Luiġi Camilleri b'ħarsien tal-pretensjoni tagħha dwar is-serviġi li wettqet miegħu. It-talba saret kontestwalment ma' kawża li l-istess intimata eżekutanti fetħet kontra l-wirt battal ta' Dun Luiġi Camilleri[1]. It-talba fil-Mandat kienet għas-somma ta' tliet mija u ħamsin elf euro (€ 350,000). Għall-ewwel, il-Mandat inħareġ lil erba' (4) sekwestratarji, lkoll banek kummerċjali; iżda erbat ijiem wara l-intimata talbet li jiżdiedu tliet sekwestratarji oħrajn, liema talba ntlaqgħet b'degriet mogħti fit-13 ta' Novembru, 2013. Sadattant, fil-5 ta' Novembru, 2013, wieħed mill-banek sekwestratarji għarraf lill-Qorti li kellu f'idejh ħmistax-il (15) kont bankarju intestati f'isem Dun Luiġi Camilleri u li, bħala sekwestratarju, kien ser jgħaddi biex jiddepożita l-flejjes li kien hemm fihom hekk kif kull kont jagħlaq iż-żmien tiegħu;

Illi fit-13 ta' Novembru, 2013, l-intimata eżekutanti laħqet ftehim ma' wieħed mit-tliet aħwa ta' Dun Luiġi Camilleri – Joseph Camilleri – dwar il-kumpens dovut lilha għall-pretensjonijiet tagħha dwar is-serviġi mwettqa minnha. B'kuntratt ta' dak inhar fl-atti tan-Nutar Nicolette Vella, l-intimata ngħatat b'titolu ta' *datio in solutum* terz ($^1/_3$) mhux maqsum ta' post bl-isem ta' "*Marina*" fi Triq San Ġilardu, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, għas-saldu tal-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tal-imsemmi Joseph Camilleri. L-għotja bi ħlas tqieset tal-valur ta' erbgħa u tmenin elf euro (€ 84,000), filwaqt li l-intimata żammet sħaħ il-pretensjonijiet ulterjuri tagħha dwar l-istess serviġi fil-konfront tal-werrieta l-oħrajn (ir-rikorrenti f'din il-proċedura);

[1] Rik. Nru. 1048/13JRM

Illi b'degriet mogħti fit-12 ta' Frar, 2014, il-Qorti Ċivili (Taqsima ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) laqgħet talba magħmula mir-rikorrenti (u mill-imsemmi Joseph Camilleri) fil-21 ta' Novembru, 2013, u ordnat miftuħa favurihom (fil-kwoti u l-ishma hemmhekk imfissra) l-wirt ta' Dun Luiġi Camilleri;

Illi b'Nota mressqa fil-11 ta' Marzu, 2014, l-intimata naqqset l-ammont kawtelat fil-Mandat għas-somma ta' mitejn u sitta u sittin elf euro (€ 266,000);

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta ma' din ix-xorta ta' proċedura, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet li qiegħda tinstema' minn din il-Qorti u għadha fil-fażi bikrija tat-tressiq tal-kitbiet min-naħa tal-partijiet u l-leġittimazzjoni tal-atti;

Illi huwa stabilit li l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[2];

Illi fid-dawl tal-ewwel paragrafu tan-Nota tal-intimata, l-Qorti tqis li, għalkemm il-Mandat inħareġ kontra Kuraturi Deputati biex jidhru għall-wirt battal tas-saċerdot, ir-rikorrenti għandhom il-leġittimazzjoni attiva meħtieġa biex iressqu u jmexxu 'l quddiem din il-proċedura tagħhom tal-lum. Dan ġara minħabba l-fatt li bis-saħħa tad-degriet li ngħata mill-Qorti Ċivili (Taqsima ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fi Frar tal-2014, il-wirt ta' Dun Luiġi Camilleri ma baqax battal u r-rikorrenti huma meqjusa l-werrieta *ab intestato* tiegħu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

[2] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjoni li għadha kemm saret, il-Qorti qiegħda tqis lir-rikorrenti bħala l-eżekutati effettivi tal-imsemmi Mandat, iżjed u iżjed issa li l-intimata eżekutanti baxxiet il-pretensjonijiet tagħha wara li waslet fi ftehim mal-werriet l-ieħor Joseph Camilleri. Għalhekk, minn issa 'l quddiem, ir-rikorrenti sejrin jissejħu "l-eżekutati" daqslikieku l-Mandat nħareġ kontra tagħhom sa mill-bidu;

Illi fil-każ tal-lum, l-eżekutati jibnu t-talbiet tagħhom għat-tħassir tal-Mandat fuq tliet (3) kawżali, iżda qabel jeħtieġ li l-Qorti tieqaf biex tgħaddi osservazzjoni. Minn uħud mill-premessi tar-rikors promotur tagħhom jidher li l-eżekutati mhumiex qegħdin iżommu quddiem għajnejhom li l-Mandat li tiegħu qegħdin jitolbu t-tħassir huwa Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru. Dan qiegħed jingħad għaliex, b'argument għat-talba tagħhom, jgħidu li biex Mandat bħal dak jinżamm fis-seħħ, irid jintwera (minn min ikun talab il-ħruġ tiegħu) kemm l-eżistenza tal-jedd *prima facie* u kif ukoll l-irrimedjabilita' tal-ħsara li ġġarrab li kieku l-Mandat jitħassar. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imsemmija żewġ rekwiżiti kumulativi huma meħtieġa li jintwerew fil-każ ta' talba **għall-ħruġ** ta' Mandat ta' Inibizzjoni u mhux ukoll għall-ħruġ (jew iż-żamma fis-seħħ) ta' kull Mandat kawtelatorju ieħor: huma ħtiġijiet li l-liġi nnifisha titlobhom fl-artikolu 873 tal-Kap 12 għall-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni biss u ma titlobhomx ukoll fir-rigward tal-Mandati kawtelatorji l-oħrajn. Għalhekk, safejn l-eżekutati jridu li l-Mandat maħruġ mill-eżekutanti jitħassar għal dik ir-raġuni, l-Qorti ma ssibx li dik hija raġuni tajba fil-każ tal-Mandat li dwaru nfetħet din il-proċedura;

Illi hawnhekk ukoll il-Qorti tħoss il-ħtieġa li tindirizza t-tieni 'eċċezzjoni' tal-intimata eżekutanti. Hija tgħid li l-ewwel talba tal-eżekutati ma tistax tintlaqa' għaliex jibnuha fuq dispożizzjonijiet tal-liġi li ma jeżistux. Jidher li dan ġara għaliex, fir-rikors promotur, l-eżekutati jsejsu l-ewwel talba fuq l-artikoli 836(ċ), (d) u (f) tal-Kap 12 meta riedu jsemmu l-artikolu 836(1)(ċ), (d) jew (f). Jidher li dan huwa żball tal-pinna. Huwa minnu li, kif tgħid l-eżekutanti, t-tismija tad-dispożizzjoni tal-liġi ma saritx sewwa, imma lanqas ma huwa sewwa dak li tgħid l-istess intimata li jekk kemm-il darba l-Qorti sejra tqis l-ewwel talba tal-eżekutati, ser tkun qiegħda

tagħmel hekk "*ex officio*". Dan jingħad għaliex it-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tiddependix biss fuq it-tismija tad-dispożizzjoni (li hija ħaġa meħtieġa fi proċedura bħal din) iżda wkoll mill-kontenut tal-premessi tar-rikors promotur. Qari ta' dawk il-premessi wieħed jagħti tifsira ċara ta' x'inhuma l-ilmenti mressqa mill-eżekutati biex fuqhom isejsu t-talba tagħhom għat-tħassir tal-Mandat. Huma ċari biżżejjed biex il-Qorti tista' torbothom mal-kawżali relattivi maħsuba fil-liġi bla ma jkollha tivvinta raġunijiet minn żniedha:

A) L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(1)(ċ)]. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti eżekutati qegħdin jgħidu li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal-eżekutanti tinsab fil-ġid immobbli li l-istess eżekutanti kisbet minnu sehem ta' terz ($^{1}/_{3}$) mhux maqsum mingħand il-werriet Joseph Camilleri li qabel ma' u aċċetta l-pretensjonijiet tagħha. Huma jgħidu li, bis-saħħa ta' tali fatt, l-ishma l-oħrajn (jiġifieri ż-żewġ terzi mhux maqsuma) li huma għandhom fl-imsemmi post lanqas jistgħu jkunu assenjati lil ħaddieħor mingħajr l-intervent tal-eżekutanti nfisha. Huma jgħidu wkoll li "huma sidien ta' proprjetajiet immobbli varji filwaqt li ma hemm l-ebda dubju dwar il-qagħda finanzjarja tagħhom kollha fil-kawża, u li l-ebda wieħed mill-esponenti m'għandu xi problema ta' likwidita'";

Illi l-eżekutanti twarrab dan l-argument billi tgħid li r-rikorrenti eżekutati ma ressqu l-ebda prova tajba u l-ebda garanzija kif titlob il-liġi u lanqas xi prova dwar kemm tabilħaqq jiswa l-post ta' San Pawl il-Baħar b'mod li din il-Qorti tista' tilqa' t-talba tagħhom;

Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta'

intimat eżekutat ieħor[3]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[4]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[5]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant[6];

Illi meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha li jduru mal-każ, wieħed isib li l-garanzija alternativa li l-eżekutati jsemmu tissoddisfa biss f'parti l-ħtiġijiet tal-liġi. Il-Qorti qiegħda tillimita din il-fehma tagħha għall-post ta' San Pawl il-Baħar, għaliex f'dak li jirrigwarda xi ġid ieħor, ma tressqet l-ebda prova fiex jikkonsisti jew x'jiswa. Daqstant ieħor ma jiswa xejn li jingħad li l-eżekutati mgħandhomx problemi ta' likwidita', għaliex apparti li dak li jallegaw l-eżekutati mhux maħluf, il-fatt waħdu li jista' jkollhom assi likwidi ma jneħħix il-ħtieġa li juru n-notorjeta' ta' din iċ-ċirkostanza. Dan l-għarfien ġenerali dwar il-qagħda finanzjarja tal-eżekutati ma toħroġx mill-atti li l-Qorti għandha quddiemha hi u qiegħda tagħti dan il-provvediment;

Illi, min-naħa l-oħra, dwar is-siwi tal-post ta' San Pawl il-Baħar bħala garanzija tajba, l-Qorti hija tal-fehma li l-akbar argument li jista' jintuża f'dan ir-rigward huwa l-fatt li l-eżekutanti nnifisha aċċettatu bħala ħlas jew kumpens tal-pretensjonijiet tagħha fil-konfront ta' wieħed mill-werrieta tal-qassis. Mhux hekk biss, iżda kienet hija wkoll li qablet li s-sehem ta' terz mhux maqsum li hija kisbet mill-imsemmi post kien jiswa

[3] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[4] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[5] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[6] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd.***

erbgħa u tmenin elf euro (€ 84,000). Wara li sar il-kuntratt ta' għotja bi ħlas ("*datio in solutum*") kienet saħansitra naqqset l-ammont tal-Mandat b'dik is-somma. Fl-istadju ta' din il-proċedura u minn dak li jidher biss mill-atti nfushom u bla ma jsir l-ebda rifless jew kumment fuq il-mertu tal-kwestjoni, l-loġika tindika li allura l-valur taż-żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mhux maqsuma mill-istess post (li huwa s-sehem li l-eżekutati lkoll għad għandhom jedd għalih) jitilgħu minn tal-anqas għal mija u tmienja u sittin elf euro (€ 168,000);

Illi l-Qorti tqis ukoll li l-imsemmi ġid immobbli joffri garanzija soda, ċara u realiżżabbli għall-benefiċċju tal-eżekutanti f'każ li l-pretensjoni tagħha fil-konfront tal-eżekutati għad tintlaqa' 'l quddiem;

Illi dan inissel ukoll konsiderazzjoni oħra li din il-Qorti ma tistax twarrab fil-ġenb. Waħedha toħroġ il-mistoqsija: ladarba l-eżekutanti aċċettat li tillikwida "għas-saldu ta' kull pretensjoni illi għandha" kontra l-werriet Joseph Camilleri għas-somma ta' erbgħa u tmenin elf euro (€ 84,000) fuq l-imsemmi sehem ta' terz ($^{1}/_{3}$) mill-imsemmi post, għaliex allura l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tal-eżekutati rikorrenti m'għandhomx jitkejlu wkoll bl-istess rata? Fil-fatt, wara t-tnaqqis li għamlet bin-Nota tagħha tal-11 ta' Marzu, 2014, hija ħalliet il-Mandat fis-seħħ għas-somma ta' mitejn u sitta u sittin elf euro (€ 266,000) fir-rigward tal-pretensjonijiet li għad fadlilha kontra l-eżekutati rikorrenti. Il-Qorti, iżda, jidhrilha li ladarba l-eżekutanti aċċettat 'ħlas' għal terz ($^{1}/_{3}$) mill-pretensjonijiet tagħha b'sehem ta' terz mill-post, u iddikjarat fl-att nutarili li l-valur mogħti huwa wieħed "ġust u reali" dwar il-pretensjoni tagħha, dan imissu jfisser ukoll li l-valur taż-żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) l-oħrajn tal-istess post – jiswew kemm jiswew – imisshom ikunu biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għall-bqija tal-pretensjonijiet tagħha kontra l-eżekutati li jirrappreżentaw sewwasew iż-żewġ terzi l-oħrajn tal-interessi fil-wirt tal-qassis Dun Alwiġ Camilleri;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ntweriet raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

Illi l-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel talba tal-eżekutati bil-kundizzjoni li, sakemm tkun għadha miexja l-kawża, ma jagħmlu xejn li bih, ilkoll flimkien jew xi wieħed jew uħud għal rashom, jgħabbu l-imsemmi post b'xi dejn jew ipoteka jew jittrasferixxu favur xi ħadd minn fosthom jew xiħadd ieħor barra minnhom xi jedd, rejali jew personali, li b'xi mod jista' jnaqqas il-garanzija li dak il-post jagħti lill-eżekutanti b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħha. Din il-kundizzjoni sejra titqiegħed ukoll fil-parti dispożittiva ta' dan il-provvediment biex tiftaħ għajnejn l-eżekutati u biex torbothom ilkoll;

Illi ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li tilqa' l-ewwel talba taħt din il-kawżali, ma hemm l-ebda ħtieġa li tqisha wkoll taħt iż-żewġ kawżali l-oħrajn. Hekk ukoll ma hemm l-ebda ħtieġa li tqis it-**tieni talba** tar-rikorrenti eżekutati, li kienet talba sussidjarja għall-ewwel waħda. Il-Qorti tgħid biss li l-eżekutanti ma għandhiex raġun meta tgħid li talba bħal dik mhix magħrufa mil-liġi. Il-fatt li l-Qorti tagħżel li tnaqqas l-ammont kawtelat f'Mandat kawtelatorju huwa għamla ta' tħassir f'parti ta' Mandat bħal dak u huwa wieħed mill-għanijiet maħsuba fl-artikolu 836(1) tal-Kap 12 meta l-liġi tgħid li Mandat jista' jitħassar "sew għal kollox jew f'parti minnu";

Illi r-rikorrenti eżekutati talbu wkoll ir-rimedju alternativ tal-kundanna tal-intimata għall-ħlas ta' penali[7];

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u,

[7] Taħt l-art. 836(8)(ċ) u/jew (d) tal-Kap 12

ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[8];

Illi dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[9]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti jsejsu t-talba tagħhom fuq żewġ ċirkostanzi mill-erbgħa msemmija fl-artikolu 836(8) u jiġifieri (a) li ċ-ċirkostanzi tad-debitur eżekutat ma jurux dubju raġonevoli ta' stat ta' likwidita' jew dwar il-fakultajiet finanzjarji tiegħu [836(8)(ċ)]; u (b) li l-Mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv [836(8)(d)];

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova jew argument li minnhom l-eżekutanti ntwera li messha ma kellha l-ebda dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tal-istess rikorrenti. Għall-finijiet ta' din il-kawżali, l-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. Għall-kuntrarju, jekk il-Qorti kellha toqgħod fuq is-sottomissjonijiet infushom tal-eżekutati, issib li l-istess eżekutati jisħqu fuq il-qagħda finanzjarja likwida tagħhom b'mod ġeneriku għall-aħħar bla ebda aċċenn għal xi dettal jew imqar b'dikjarazzjoni magħmula taħt ġurament;

[8] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[9] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***

Illi, minbarra dan, meta l-eżekutanti talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat, l-ebda wieħed u waħda mill-eżekutati ma kienu għadhom iddikjaraw li ser jaċċettaw il-wirt tal-qassis u d-dikjarazzjoni tal-ftuħ favurihom tas-suċċessjoni tal-wirt tiegħu saret bosta ġimgħat wara l-ħruġ tal-Mandat;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, ir-rikorrenti jibnu t-talba tagħhom fuq l-allegazzjoni li l-ħażen tal-intimata eżekutanti jidher mill-fatt li talbet il-ħruġ tal-Mandat b'ħażen u b'kattiverja bil-ħsieb li ġġagħalhom jaċċettaw taħt 'rikatt' il-pretensjoni tagħha għall-kumpens. Il-Qorti tqis li l-intimata eżekutanti kellha raġunijiet tajbin biżżejjed biex titlob il-ħruġ tal-Mandat. Dan il-fatt joħroġ miċ-ċirkostanza li, tajjeb jew ħażin, wieħed mill-werrieta aċċetta li jħallasha s-sehem tiegħu tal-kumpens minnha pretiż. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li ddejjaq lir-rikorrenti eżekutati;

Illi, naturalment, il-fatt imsemmi ma jfissirx li idejn l-eżekutati huma marbuta li issa jridu tabilfors jaċċettaw li jikkumpensaw lill-eżekutanti. Lanqas ma jfisser li l-Qorti għamlet il-fehma li l-istess pretensjoni tal-intimata eżekutanti hija tabilħaqq ippruvata jew li l-każ huwa magħluq. Ifisser biss li ma ntweriex li l-pretensjoni kienet waħda fiergħa u lanqas saret b'malizzja;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt l-ebda waħda mill-kawżali msemmija. Min-naħa l-oħra, ma jista' jingħad bl-ebda mod li r-raġunijiet li fuqhom intalab il-ħruġ tal-Mandat mertu ta' dan ir-rikors kienu fiergħa;

Illi għalhekk il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi l-kundanna għall-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[10]. F'dan il-

[10] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[11];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent eżekutati aħwa Galea u aħwa Camilleri billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tagħhom għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi tħassar l-imsemmi Mandat għaliex teżisti garanzija tajba biżżejjed għall-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanti bis-sehem tagħhom mill-post bl-isem ta' "*Marina*", bla numru, fi Triq San Ġilardu, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar. Din it-talba qiegħda tintlaqa' bil-kundizzjoni espressa li, sakemm tkun għadha miexja l-kawża fil-mertu, ir-rikorrenti eżekutati ma jagħmlu xejn li bih, ilkoll flimkien jew xi wieħed jew uħud minnhom għal rashom, jgħabbu l-imsemmi post b'xi dejn jew ipoteka jew jittrasferixxu favur xi ħadd minn fosthom jew xiħadd ieħor barra minnhom xi jedd, rejali jew personali, li b'xi mod jista' jnaqqas il-garanzija li dak il-post jagħti lill-eżekutanti b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħha;

**Tastjeni milli tqis aktar it-tieni talba** għaliex din hija talba sussidjarja għall-ewwel waħda li ntlaqgħet;

**Tiċħad it-tielet talba** billi ma tirriżultax mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt u li tista' twassal għall-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas tal-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi; u

Tordna li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

[11] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------